

22000D0210(10)

10.2.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 35/41

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 10/1999

tad-29 ta' Jannar 1999

li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XIII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 121/98 tat-18 ta' Diċembru 1998 ⁽¹⁾;

Billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 98/42/KE tad-19 ta' Ġunju 1998 li temenda d-Direttiva 95/21/KE dwar l-infurzar, fir-rigward ta' ġarr ta' merkanzija b'bastimenti li jużaw portijiet tal-Komunità u t-tbaħħir fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, ta' *standards* internazzjonali għas-sigurtà tal-bastimenti, prevenzjoni tat-tniġġis u kondizzjonijiet ta' għixien u ta' ħidma abbord il-vapuri (kontroll tal-port mill-Istat) ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 56b (Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE) fl-Anness XIII għall-Ftehim:

“, kif emendata bi:

- **398 L 0042:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/42/KE tad-19 ta' Ġunju 1998 (ĠU L 184, tas-27.6.1998, p. 40).”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 98/42/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Jannar 1999, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Jannar 1999.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO

⁽¹⁾ ĠU L 297, tat-18.11.1999, p. 50.

⁽²⁾ ĠU L 184, tas-27.6.1998, p. 40.